MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1080/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Ltd gia Norwich Union International Insurance Limited (C 597)**

**Vs**

**Anwar Ajjen**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta` Dicembru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u zewg liri u seba` centezmi (Lm1,002.07) rapprezentanti valur ta` hlasijiet imhallsa mis-socjeta` attrici ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta` Malta in konnessjoni ma` incident stradali li sehh fl-1 ta` Settembru, 2005 gewwa Triq San Girgor, Pieta bejn il-vettura numru JBD 868 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DBJ 235 misjuqa minn George Xuereb u dana wara li l-konvenut naqas li jinforma lis-

socjeta` attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija bhal ma kien obbligat li jaghmel ai termini tal-polza ta` assikurazzjoni relattiva u kwindi liema nuqqas jinvalida l-imsemmija polza u jintitola lis-socjeta` attrici sabiex tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini ta` l-istess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 1 ta` Settembru, 2006 u bl-imghax dekorribbli mill-istess ittra kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-27 ta` April, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli sabiex jirrifondi l-ammonti mahruga mill-istess socjeta` attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` elf u zewg liri u seba` centezmi (Lm1,002.07) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali ta` l-1 ta` Settembru, 2006 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------